MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 55

14 ta' Ġunju 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 55 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 4.2.7. **(Ref: T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)** u talab li din tiġi emendata biex tinqara hekk:

*"4.2.7. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrimarka li l-Kunsill fl-ebda waqt ma ddiskuta xi proposta li Triq Mons. Indri Fenech tinbidel f'one-way b'mod permanenti. Huwa minnu li proposta f'dan is-sens ġiet diskussa fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2011, bħala emenda fil-minuti tas-seduta preċedenti, meta l-Kunsill kien ddiskuta u qabel fuq arranġament temporanju li kellu jidħol fis-seħħ sakemm ikun għaddej xogħol ta' rikostruzzjoni fi Triq il-Kbira, bejn Triq in-Naħal u Triq Ġorġ Borg Olivier, liema xogħol kien ser jieħu numru ta' ġimgħat biex jitwettaq. Minħabba diversi raġunijiet dawn ix-xogħlijiet kellhom jiġu posposti u minflok sar dak li jissejjaħ major patching, li nvolva biss jumejn biex jitwettaq. Għaldaqstant minn qassam karti lir-residenti b'silta ta' dawn il-minuti għamel hekk b'mod malintiż u diżonest.".*

1.2. Is-Sindku R. Cutajar aċċenna għall-minuta 4.2.10. **(Ref: T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"4.2.10. Fil-bidu tal-intervent tiegħu, is-Sindku ċaħad li huwa qatt mar fuq il-media u tkellem fuq materji li ma kinux ġew diskussi qabel fil-Kunsill. Kompla billi għarraf li biex jiġi evitat kull dubju dwar il-posizzjoni tal-kunsillieri tal-Partit Nazzjonalista dehrilhom li għandhom jissottomettu dokument dwar din l-issue, liema dokument qed jiġi mehmuż ma' dawn il-minuti. Dan inqara waqt is-seduta u ġie spjegat fil-qosor kif ġej:".*

1.3. Il-Kunsillier C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 4.2.17 **(Ref: T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)** u talab li tiġi emendata kif ġej:

*"4.2.17. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li proposti konkreti min-naħa tas-Sindku tressqu proprju f'din is-seduta. L-ewwel darba li ġie diskuss dan is-suġġett lanqas biss kien tpoġġa fuq l-aġenda u tqanqal bħala "Materji Oħra". Kompla jgħid li s-survey lanqas jista' jitqies kredibbli bil-mod kif saru l-mistoqsijiet, li lanqas ġew diskussi u approvati mill-Kunsill. Il-proposti mressqa aktar 'il fuq mhux qed jieħdu in konsiderazzjoni li minflok ser jonqos it-tniġġiż, fil-fatt dan ser jiżdied bi traġitt itwal minn toroq li attwalment huma kwieti. Huwa spjega dan il-punt billi ta kalkolu bħala eżempju fuq figura ta' 500 vettura li jgħaddu kuljum mit-toroq ewlenin. Is-*

*Sur C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li d-dħul fi Triq l-Erwieħ minn Triq il-Marfa huwa perikoluż, peress li wieħed irid jistenna għat-telgħa biex jieqaf it-traffiku li jkun nieżel minn Triq Ġorġ Borg Olivier.”.*

1.4. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.18 **(Ref: T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)** u talab li tiġi emendata kif ġej:

*“4.2.18. Is-Sindku wieġeb li mhux ġust illi wieħed jgħid li ma kienx hemm diskussjoni biżżejjed fuq dan is-suġġett, meta dan tqajjem diversi drabi waqt seduti sa minn Awwissu 2010. Is-Sur R. Cutajar għamilha ċara wkoll li mhux il-vetturi kollha li jinżlu mit-toroq ewlenin ikollhom għalfejn jiksru għal wara l-Knisja, peress li jkun hemm numru sostanzjali li jibqa’ nieżel fi Triq il-Marfa.”.*

1.5. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 55 u għalhekk dawn ġew iffirmati bl-emendi mressqa. Approva wkoll li dan id-dokument jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Progress fuq il-proġett tal-Park tal-Familja f’Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li żewġ ħaddiema mill-PARK Unit ġew assenjati jagħmlu xogħol ta’ bini fuq il-ħitan tas-sejjieħ fil-proġett tal-Park tal-Familja.

2.1.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li kien hemm xi ħitan tas-sejjieħ li twaqqgħu waqt li kien qed isir it-taħmil tas-sit. Billi fejn kienu jinsabu dawn il-ħitan, ir-raba ma tteħidx għall-proġett, huwa appella sabiex l-istess ħitan jerġgħu jinbnew mill-ġdid.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti possibilment sabiex tittieħed azzjoni.

### 2.2.1. Proġett tal-*Heritage Trail* f’Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-*Progect Manager* għadda r-rapporti kollha li ntalbu mill-MEPA b’rabta mas-sit applikazzjonijiet li saru in konnessjoni mal-*heritage trail*.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Aspett edukattiv tal-Iskema Riġenerazzjoni f’Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern (B/7)

2.3.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa flimkien mal-Kunsillieri C. Bartolo u P. Cutajar żaru numru ta’ familji residenti fil-Qasam Ta’ Pennellu. Dawn li laqgħuhom aċċennaw għal diversi problemi li jsibu, bl-aktar waħda komuni tikkonċerna l-istat tal-partijiet komuni. Huwa qal li kien hemm numru ta’ familji li ma setax isir appuntament magħhom peress li ma wieġbux it-telefon. Iż-żjarat ser ikomplu fit-18 ta’ Ġunju 2011.

2.3.3. Is-Segretarju għarraf li fis-6 ta’ Ġunju 2011 għalqet is-sejħa sabiex isir titjib fl-*areas* bejn il-blokki, li għaliha wieġeb offerenti wieħed. Huwa ppropona li din tiġi evalwata mit-*Tender Adjudication Board*.

2.3.4. Il-Kunsill qabel li għandu jittlaqqa’ il-Bord.

### 2.4.1. *Tournament* tas-*Snooker* u l-*American Pool* (S/4/2/Vol III)

2.4.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-finali tas-*Snooker* saret fis-7 ta’ Ġunju 2011 fiċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa. Ir-rebbieħ kien Charles Fenech. Kompla jgħid li dawn il-kompetizzjonijiet inqanqlu entużjażmu kbir fost il-kompetituri. Huwa lmenta dwar l-assenza tal-kunsillieri għal din l-okkażjoni. Is-Sur H. Fenech qal li din kienet notevoli partikularment fil-każ tal-kunsillieri tal-Partit Laburista.

2.4.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali illi kien lest jgħid x’kienu lill-Kunsillier H. Fenech wara s-seduta.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif u l-ilment tal-Kunsillier H. Fenech.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 14/05/11
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 15/04/11 – 01/06/11
- Skeda ta' Pagamenti – 06/05/11 – 08/06/11
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti ta' laqgħa mal-Komunita` Kummerċjali tat-Toroq Ewlenin – 01/06/11
- Rapport Amministrattiv – Sena Finanzjarja 2010
- Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2011

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Twaħħil ta' tabelli ta' direzzjoni (T/3/1)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal *e-mail* datat 31 ta' Mejju, mibgħut mill-operatur tal-Panorama Hotel sabiex jiġi nkluż l-isem tal-lukanda fuq it-tabella ta' direzzjoni li twaħħlet f'Dawret il-Mellieħa kantuniera ma' Triq Qasam Barrani.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-tabelli eżistenti għandhom jiġu riveduti biex jingħata spażju lill-lukandi kollha li jistgħu jiġu koperti bit-tabella li hemm f'Dawret il-Mellieħa, kantuniera ma' Triq Qasam Barrani.

4.1.4. Is-Segretarju għarraf li t-tabella li kien hemm fi Triq l-Armier, kantuniera ma' Triq il-Marfa nqalgħet sabiex ma jiġrilhiex ħsara waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet fuq l-istess triq.

### 4.2.1. Twaħħil ta' *barriers* fi Triq il-Kbira k/m Misraħ tas-Salib (T/4/10)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 2 ta' Ġunju 2011, mibgħut mill-operatur ta' Cross Keys Restaurant, fejn talab li jitwaħħlu *barriers* tal-ħadid sabiex jipproteġi l-klijenti tiegħu li jagħmlu użu mill-imwejjed u siġġijiet li hemm quddiem l-istess stabbiliment. Huwa talab ukoll li jsiru *barriers* simili quddiem it-tarag li minn Ġnien Tas-Salib jagħti għal Triq il-Kbira. Dan billi t-tfal għandhom tendenza li jibqgħu ħerġin jiġru fit-triq bil-periklu li jintlaqgħtu minn xi vettura li tkun għaddejja.

4.2.3. Il-Kunsill approva it-twaħħil tal-*barriers* simili għal dawk li diġa jeżistu f'żoni oħra *(U-bends)*, eżatt mal-kurduna tal-bankina, bil-kundizzjoni li jitneħħew il-qsari li tqiegħdu mis-sidien tar-ristorant.

### 4.3.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datata 8 ta' Ġunju 2011, mibgħut mis-Sindku Amos Giardino mill-Comune di Casalborgone f'Turin l-Italja, fejn għarraf li l-proġett li saret applikazzjoni għall-finanzjament tiegħu aktar kmieni fl-2011, ġie approvat u li t-tħejjijiet għalih ser jibdew fl-Lulju 2011. Il-Mellieħa ser tkun qed tieħu sehem fi proġett li jinvolvi tliet konferenzi, flimkien mal-Muniċipalita` ta' Vecpiebalgas fil-Latvia u mir-Rumanija. Casalborgone huma l-kordinaturi ta' dan il-proġett li jiġi ffinanzjar taħt il-Programm EUROPE FOR CITIZENS Azzjoni 1: Miżura 1.2. tal-Unjoni Ewropea. Is-Sur R. Cutajar spjega li t-tema tat-tliet konferenzi proposti ser tkun "*La Tutela del Territorio e dell'Ambiente: Casi Europei a Confronto*". L-ewwel konferenza hija proposta li sseħħ f'Casalborgone bejn is-17 u d-19 ta' Settembru 2011, it-tieni waħda fil-Mellieħa bejn it-23 u s-26 ta' Frar 2012 li tkun parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill, u t-tielet waħda f'Casalborgone bejn il-25 u s-27 ta' Marzu 2012.

4.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.4.1. Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 (N/1/Vol II)

4.4.2. Is-Sindku aċċenna għal *e-mail* datat 9 ta' Ġunju 2011, fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi konferenza bit-tema "Immaġina 18" li ser isseħħ fl-20 u l-21 ta' Ġunju 2011 wara li sar magħruf li l-Kummissjoni Ewropea aċċettat in-nomina ta' Malta u belt fl-Olanda bħala "Il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018..

4.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsillier J. Buttigieg għandu jattendi l-konferenza.

### 4.5.1. Proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol III)

4.5.2. Is-suduta ġiet sospiża biex isiru nterventi mill-membri tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ u l-kordinatur maħtur mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, is-Sur Mustafa Abusaada. Preżenti wkoll kien hemm is-Sindku tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ Kaitlyn Byrne, is-Segretarja Justine Fenech, il-Viċi Sindku Bradley Borg u l-kunsillieri Mark Grima, Erica Galea, Kelsie Duncan, Eunice Duncan, Jessica Gauci u Alexandra Bult.

4.5.3. Is-Sinjorina K. Byrne spjegat li qabel tħejjew is-sottomissjonijiet għall-proġett tqassam kwestjonarju lil numru ta' żgħażagħ. Mit-tweġibiet li kien hemm irriżulta li dawn jixtiequ li jkollhom aktar postijiet għad-divertiment, fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu, kif ukoll għandhom jittieħdu inizjattivi sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali u l-vizzji fost iż-żgħażagħ, inkluż id-drogi u l-vandaliżmu. Il-proġett li ġie sottomess lill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ issemma "Miż-Żgħażagħ għaż-Żgħażagħ".

4.5.4. Is-Sinjorina K. Byrne qalet ukoll li l-Kunsill Lokali Żgħażagħ jsegwi l-ħidma tal-Kunsill Lokali Mellieħa u jara li jipparteċipa fl-attivitajiet ewlenin li jiġu organizzati, kif għamel f'Milied Mellieħi 2010 u Animal Fest 2011.

4.5.5. Is-Sindku R. Cutajar aċċenna għall-fatt ukoll li l-Kunsill Lokali Żgħażagħ kien ser jgħin dwar l-applikazzjoni għall-istatus tal-*Blue Flag* għall-Bajja tal-Għadira.

### 4.6.1. Sejħiet għall-offerti (K/6/4/1)(B/7)

4.6.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fis-6 ta' Ġunju 2011 għalqu s-sejħiet għall-offerti 2/2011 u 3/2011 dwar it-tisbiħ tas-*soft area* fi Triq Qasam Barrani/Triq il-Mitħna l-Ġdida u fil-Qasam Ta' Pennellu, rispettivament. L-iskeda tar-rati kkwotati f'kull każ intbagħtu lill-kunsillieri qabel is-seduta.

4.6.3. Is-Sindku stqarr li l-uniku offerent illi kien hemm f'kull każ għandu parentela miegħu (kuġin) u għalhekk ser jitira minn kull diskussjoni li ser ikun hemm dwarhom.

4.6.4. Il-Kunsill qabel li għandu jirreferi l-evalwazzjoni taż-żewġ sejħiet lit-*Tender Adjudication Board*. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ġie nkarigat sabiex jippresiedi l-Bord.

### 4.7.1. Parteċipazzjoni fil-*Car Free Day* (A/4/5/Vol II)

4.7.2. Is-Sindku aċċenna għal *e-mail* datat 13 ta' Ġunju 2011, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill qed jintalab jissottometti proposta biex jiġi osservat jum mingħajr karozzi fil-Mellieħa.

4.7.3. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi sottomessa proposta.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 14 ta' Ġunju 2011.

5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg rrefera għal diversi *items* fil-*PRF*, partikularment dawk relatati mal-*Mellieħa Eden Conference*. Huwa kkritika l-fatt li dawn ma kinux magħrufa qabel saret il-konferenza bejn il-5 u s-7 ta' April 2011.

5.4. Is-Sindku wieġeb li mhux dejjem ikun possibbli li joħorġu l-ispejjeż kollha qabel attivita` bħalma hija konferenza, li tinvolvi diversi attivitajiet li mhux kollha jkunu previsti. Għalhekk wieħed ikun kostrett li jiddeċiedi u jieħu deċiżjoni f'ħin qasir, biex l-affarijiet jibqgħu miexjin. Is-Sur R. Cutajar fakkar li l-parti l-kbira tal-ispejjeż ta' din il-konferenza ser jiġu koperti minn fondi taħt skema mħaddma bejn il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, minn fejn ġew allokati €19,000. Intqal ukoll li l-ispejjeż kollha kienu fil-parametri tar-Regolamenti Finanzjarji, li wħud minnhom kienet saret referenza għalihom f'seduti preċedenti, għalkemm dakinhar iċ-ċifri eżatti ma kinux magħrufa.

5.5. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-15 ta' April u l-5 ta' Mejju 2011.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn il-15 ta' April u l-1 ta' Ġunju 2011.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fiż-żewġ skedi u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qabil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt

**7.1. Proġett dwar il-*Floodlighting* fi Triq l-Inkurunazzjoni u Triq l-Erwieħ (P/4/14)**

7.2. Is-Segretarju fakkar li fis-seduta 53 tal-10 ta' Mejju 2011, l-Inginier Renzo Curmi talab kjarifiki mingħand l-offerent li ġie *shortlisted* – Mica Med Ltd. Dawn ġew mogħtija mill-offerent fiż-żmien stipulat. L-Inġinier Curmi kkonferma li l-*fittings* kkwotati minn Mica Med Ltd irriżulta li jaqblu b'mod sħiħ mal-ispeċifikazzjonijiet li kien hemm fid-dokument tal-offerta. Għaldaqstant ġie irrakkomandaw li l-kuntratt jingħata lill-imsemmi offerent. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni wara li ra r-rapport tekniku finali mgħoddi minn Galea Curmi Engineering Consultants.

7.3. F'dan l-istadju wkoll, Galea Curmi Engineering Consultants talbu lill-Kunsill jindika jekk huwiex ser ikopri l-parti li tiġi taħt ir-riħ tal-*playing field*. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-blat li hemm taħt ir-riħ tal-*playing field* m'għandux jinxtegħel peress li fiħ numru ta' garaxxijiet li bid-dwal ikunu jispikkaw min-naħa l-oħra tal-wied. Kien hemm qbil ukoll li għandhom ikomplu jinxtegħelu l-ħitan u l-kampnar tal-knisja fuq in-naħa tal-wied.

**8.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)**

8.2. Is-Sindku ppropona li l-edizzjoni ta' din is-sena tiżvolġi fit-28 ta' Ġunju f'Misaħ il-Parroċċa wara li kien hemm suġġeriment mill-Għaqda Mużikali Imperial biex din terġa tmur hemmhekk għal raġunijiet loġistiċi. Minkejja dan, il-purċissjoni tal-bandu ser tibda minn naħa ta' fuq ta' Triq Ġ. Borg Olivier, li mbagħad jinżilha kollha, jgħaddin minn Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Salvinu Vella u jintemm f'Misraħ il-Parroċċa. Il-Banda Imperial ser iddoqq fil-pjazza, filwaqt li l-Banda La Vittoria ser takkumpanja l-bandu. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li dakinhar ser iddoqqu żewġ baned Norveġiżi - Krohnengen Brass Band u Skjold Skoles Musikkorps - li talbu sabiex jipparteċipa wkoll. Tal-aħħar hija komposta minn tfal u żgħażagħ li għadhom jattendu l-iskola fi Krohnengen. Bħas-soltu ser ikun *stands* imtella' mill-għaqdiet Melleħin, kif ukoll bejjiegħ tal-qubbajt.

8.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li l-istess baned Norveġiżi fl-1 ta' Lulju 2011 ser idoqqu fil-pjazzetta li hemm bejn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq Sant' Anna.

8.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:**

***"Billi r-Rapport Finanzjarju Awditjat għas-Sena 2010, ġie approvat fis-Seduta Nru. 53 tal-10 ta' Mejju 2011, liema dokument ġie mgħoddi lill-Awditur Ġenerali skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika);***

***Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) – Regolamenti 16 u 17 jipprovdu li għandu jitħejja Rapport Amministrattiv li: jagħti kont lill-Kunsill tal-finanzi tiegħu matul is-sena ta' qabel; jirrevedi r-riżultati ta' xogħol u finanzarji miksuba kif mqabbla ma' l-għanijiet dikjarati, mal-pjanijiet u mal-budget tal-Kunsill; u jinkludi dikjarazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fis-sena li tkun għalqet u l-fondi miżmuma mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena;***

***Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv 2010 u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jagħmluh aċċessibbli għall-pubbliku.".*** **(F/1/2/Vol VI)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo. Kien hemm qbil ukoll li dan id-dokument għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt.

**10.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2011 (F/1/1/Vol II)**

10.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

10.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar ir-rendikont imressaq mis-Segretarju, Kunsill qabel li dan id-dokument għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt.

**11.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)**

11.2. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li ġiet msejħa għall-komunita` kummerċjali tat-toroq ewlenin fl-1 ta' Ġunju, kif ukoll dik għar-residenti tal-lokalita` in ġenerali li saret fl-4 ta' Ġunju 2011. Is-Sur R. Cutajar qal li fil-każ tal-aħħar dawk preżenti ġew infurmati li fit-30 ta' Novembru u 6 ta' Diċembru 2010 kienu saru rappreżentazzjonijiet mal-Ministeru għall-Infrastruttura Trasport u Komunikazzjoni fejn il-Kunsill talab li għandha tiġi kkunsidrata rotta oħra minflok minn Triq Santwarju u Triq Ġnien Ingraw, minħabba l-inkonvenjenżi li tikkawża lir-residenti. Intqal ukoll li mhux magħruf li qatt saru *traffic counts* fit-toroq ewlenin, ħlief dawk li saru mill-Kunsill fl-2003 meta tfasslu l-*build outs* fi Triq il-Kbira. *Counts* oħra saru mid-ditta ADI Associates b'rabta mal-estensjoni tas-Seabank Hotel fl-2008, li studju kien jinvolvi Triq il-Marfa u Dawret il-Mellieħa.

11.3. Is-Sur R. Cutajar qal li wara l-laqgħa pubblika tal-4 ta' Ġunju sar kuntatt mal-Arriva Malta Ltd bil-għan li jirrevedu l-posizzjoni tagħhom li jgħaddu r-rotot ewlenin minn Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw 'il barra mill-Mellieħa. Dawn wieġbu permezz ta' *e-mail* datat 13 ta' Ġunju 2010 fejn fakkru kif żvolġew l-affarijiet f'dawk li huma r-rotot il-ġodda fil-Mellieħa. Intqal ukoll li Arriva kkunsidraw it-talba tal-Kunsill li ma jgħaddux karozzi tal-linja minn Triq Ġnien Ingraw u Triq is-Santwarju u aċċettaw li jeliminaw dawn it-toroq billi jużaw Triq Ġorġ Borg Oliver għat-telgħa fil-każ tar-rotot ewlenin 11 u 41. Jemmnu li ser joħloq konfużjoni fost in-nies jekk jingħata servizz li nofsu jgħaddi miċ-ċentru tal-Mellieħa u n-nofs l-ieħor jgħaddi mill-periferija. Apparti dan, ser ikun diffiċli f'dan l-istadju li jsir hekk billi dan jitlob tibdil fil-*feeder lines* ukoll. Għaldaqstant għalissa l-*feeder lines* 101 u 102 li ser jitħaddmu permezz ta' karozzi twal 9 metri, ser ikollhom jgħaddu minn Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw, bi frekwenza ta' tnejn kull siegħa u waħda kull siegħa, rispettivament. Minkejja dan, Arriva wiegħdu illi wara li jkun ġie segwit l-andament tas-servizz f'Ottubru 2011, huma ser ikomplu jistudjaw il-proposti tal-Kunsill li huma mqassma fuq tliet binarji:

- Li Triq Ġorġ Borg Olivier issir *one-way* 'l isfel;
- Li jitneħħew is-servizzi kollha minn Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw; u
- Jitjieb is-servizz fuq il-*Feeder Line* 131 – Selmun / Santa Marija Estate / Mellieħa Heights.

11.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għal ittra data 10 ta' Ġunju 2011, iffirmata mis-Sinjuri Ray Vella, John Debono u Anton Zerafa, fost oħrajn fejn saru s-suġġerimenti li ġejjin:

- Li l-Kunsill jibqa' jagħmel pressjoni fuq l-Arriva sabiex ir-rotot ewlenin tal-karozzi tal-linja ma jgħaddux minn wara l-knisja, preċiżament kif spjegat fl-ittra li l-Kunsill bgħat lill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Kumunikazzjoni fis-6 ta' Diċembru 2010;

**Proposti applikabbli kemm-il darba Triq Ġ. Borg Olivier tibqa' *two-way*:**

- Ir-rotta tal-karozzi tal-linja tkun 'l isfel biss fi Triq Ġ. Borg Olivier u tiġi eliminata l-konġestjoni permezz ta' *traffic lights* imħaddma mix-xuffiera tal-linja fi Triq il-Kbira, hekk kif joqorbu lejn l-istess Triq Ġ. Borg Olivier biex jitwaqqaf it-traffiku kollu li jinżerta jkun hemm minn Triq Adenau 'l isfel;
- Triq Ġ. Borg Olivier tibqa' *two-way* għall-vetturi żgħar biss;
- Jerġgħu jiġu ntrodotti ż-żoni tal-irmurkar;
- Il-vetturi kbar li jkun qed jirrendu xi servizz jibqgħu nieżlin għal Triq il-Marfa u jduru għal Dawret il-Mellieħa.;
- Infurzar aktar konsistenti tar-regolamenti tat-traffiku;
- Iffissar ta' ħinijiet għall-ħatt u tagħbija;

**Proposti applikabbli kemm-il darba Triq Ġ. Borg Olivier tibqa' *one-way*:**

- Triq Ġ. Borg Olivier tiġi *one-way* 'il fuq, bejn Triq Adenau u Triq Sant' Anna;
- Traffiku li jkun nieżel jgħaddi minn Triq Sant' Anna u jagħżel id-direzzjoni li jixtieq jieħu bejn Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Parroċċa (għall-ipparkjar fil-pjazza), u Triq il-Mitħna l-Ġdida; u
- Ir-rotta tal-karozzi tal-linja tkun 'l isfel biss fi Triq Ġ. Borg Olivier u tiġi eliminata l-konġestjoni permezz ta' *traffic lights* imħaddma mix-xuffiera tal-linja fi Triq il-Kbira hekk kif joqorbu lejn l-istess Triq Ġ. Borg Olivier biex jitwaqqaf it-traffiku kollu li jinżerta jkun hemm minn Triq Adenau 'l isfel

**Proposti ġenerali:**

- F'każ li jiġi deċiż li Triq Ġ. Borg Olivier issir *one-way* 'l fuq jew 'l isfel, għandha titreġġa lura għal *two-way* bejn it-8.00 ta' filgħaxija u s-6.00 tal-għada fil-għodu; u
- Il-Kunsill jeżamina bir-reqqa l-għażliet li tpoġġew fuq il-mejda bil-għajnuna ta' persuni esperti li kapaċi jevalwaw l-impatt li dawn iħallu.

11.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li għalkemm il-proposta li saret mill-Arriva fl-*e-mail* tagħhom tat-13 ta' Ġunju 2011, ittejjeb il-posizzjoni tar-residenti ta' Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw, xorta waħda jibqa' il-problema li t-traffiku l-ieħor ser jiġi mdawwar għal dawn it-toroq. Aċċenna wkoll li l-istatistika li ġibdet id-ditta ADI Associates mhux daqshekk relevanti għal dan il-każ u għalhekk jagħmel sens li jsir studju separat dwar l-impatt tat-traffiku. Huwa kkummenta wkoll li l-*one-ways* fi Triq it-Tramuntana u fi Triq il-Mitħna l-Ġdida għandhom jibqgħu kif inhuma, għaliex l-aċċess għal wara l-knisja ser ikun imblukkat jekk Triq is-Santwarju ssir *one-way* lejn Triq l-Għollieqa. L-uniku żblokk li ser jibqa' huwa minn Triq San Luqa, li jispiċċa wkoll kemm-il darba Misraħ il-Parroċċa jkun magħluq għal xi raġuni.

11.6. Is-Sindku qal li l-punt tat-tluq għandu jibqa' li Triq Ġ. Borg Olivier għandha ssir *one-way* biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm konġestjoni fiha. Huwa ppropona għall-ewwel darba li ssir *roundabout* żgħira fl-istess triq bi dritt Triq Adenau sabiex jingħata aċċess għall-Triq Dun Franġisk Sciberras. B'dan il-mod Triq Ġ. Borg Olivier tiġi *one-way* minn Triq Adenau 'il fuq. Jeħtieġ li jitneħħa l-*bus stop* li hemm fejn iċ-Ċentru Laburista fi Triq il-Kbira, bejn Triq Franġisk Zahra u Triq Sant' Anna. Importanti wkoll li għandu jiġi nkoraġġit l-użu ta' Misraħ il-Parroċċa bħala parkeġġ.

11.7. Fuq nota oħra s-Sur R. Cutajar osserva mhux possibbli li fiż-żona ta' Ġnien Ingraw jiżviluppa ċentru kummerċjali ieħor, billi l-Pjan Lokali jistabilixxi l-limitu sa *Class 4 Shops*, filwaqt l-*area* tinsab f'Żona ta' Konservazzjoni Urbana (UCA), fejn mhux permess bini għoli aktar minn żewġ sulari. Skond il-Pjan Lokali wkoll, din iż-żona mhux meqjusa bħala *residential priority area*, kif ukoll il-Wied ta' Ġnien Ingraw mhux skedat.

11.8. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta wkoll li t-tibdil fid-direzzjoni tal-*one-ways* fi Triq it-Tramuntana u Triq il-Mitħna l-Ġdida, kienu biss proposti li tpoġġew għad-diskussjoni, li jistgħu jitwarrbu jekk jirriżulta li m'humiex vijabbli. Min-naħa l-oħra jemmen Triq Mons. Indri Fenech u Triq il-Wied għandhom isiru *one-ways*, filwaqt li Triq Ġnien Ingraw tkun *one-way* biss fil-parti bejn Triq San Luqa u Triq il-Wied. Billi issa huwa magħruf li r-rotot ewlenin mhux ser jgħaddu minn Triq is-Santwarju, din tista' tibqa' *two-way*. Is-Sur R. Cutajar għarraf li għamel kuntatti sabiex jistħarreġ il-possibilta` li jsiru *traffic counts*. Irriżulta li dawn huma possibbli bl-użu ta' apparat elettroniku, kif ukoll permezz ta' persuni li jgħoddu t-tip ta' vetturi li jgħaddu minn postijiet indikati. Kompla jgħid li ntalbet stima sabiex jinkiseb dan it-tagħrif. Huwa qal li f'dan l-istadju tista' tittieħed deċiżjoni dwar Triq Ġnien Ingraw, Triq is-Santwarju u Triq Mons. Indri Fenech.

11.9. Il-Viċi Sindku qal li fid-dawl tat-tweġiba mogħtija mill-Arriva, imsemmija aktar 'il fuq, forsi wieħed għandu jikkonsidra li jħalli Triq Ġ. Borg Olivier *two-way* għall-karozzi tal-linja biss. Ikkummenta wkoll li meta tħaddmet sistema ta' *one-way* li talterna fid-direzzjoni kull tant ħin, waqt li kien qed isir xogħol fi Triq il-Kbira, ħafna sewwieqa ma kinux josservawha jew fixklithom.

11.10. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li l-ammont ta’ traffiku li jifdal huwa kbir tant li jikkawża nkonvenjenzi għar-residenti ta’ Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw. Irrimarka wkoll li rrispettivament minn kull definizzjoni li ngħatat lil din iż-żona fil-Pjan Lokali, jibqa’ l-fatt li hemm kwantita` ta’ residenti li se jiġu disturbati serjament bid-devjazzjoni tat-traffiku mit-toroq ewlenin. Huwa qal ukoll li *roundabout* fi Triq Ġ. Borg Olivier, bi dritt Triq Adenau / Triq San Publiju, ser toħloq konfużjoni bit-traffiku li jkun tielgħa minn Triq il-Marfa.

11.11. Il-Kunsillier H. Fenech qal li ma jistax jifhem kif din il-problema affaċċjawha ħames Kunsilli oħra fuq perjodu ta’ tmintax-il sena u l-għajta ta’ studju dwar l-impatt tat-traffiku qed issir issa. Kompla jgħid li minkejja li llum Triq Ġ. Borg Olivier hija *two-way*, huwa xorta waħda jmur idur minn wara l-knisja biex minn Triq Dun Franġisk Sciberras imur lejn daru fi Triq Franġisk Zahra. Hemm diversi nies li jagħmlu l-istess biex jevitaw id-djuq ta’ Triq Ġ. Borg Olivier.

11.12. Il-Kunsillier J. Azzopardi sostna li dan mhux minnu għaliex l-biċċa l-kbira tan-nies jippreferu li jibqgħu fi Triq Ġ. Borg Olivier, minkejja l-ostakoli li jeżistu. Infurzar konsistenti tar-regolamenti tat-traffiku għandu jtaffi l-konġestjoni f’din it-triq. Qal ukoll li t-tul tal-karozzi tal-linja partikularment tar-rotot ewlenin mhux addatat għat-toroq ta’ wara l-knisja.

11.13. Is-Sindku ppropona li d-diskussjoni u possibilment deċiżjoni għandha tittieħed f’seduta oħra meta jkun magħruf l-eżitu` tal-laqgħa li Arriva ser ikollha ma’ uffiċjali mill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fil-15 ta’ Ġunju 2011.

11.14. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li huwa jsibha stramba kif is-Sindku issa jidher li huwa favur l-ideja li jitilgħu u jinżlu karozzi tal-linja ta’ tmintax-il metru minn Triq Ġ. Borg Olivier, filwaqt li għadu jinsisti li din tiġi *one-way* għat-traffiku l-ieħor kollu, meta dan huwa magħmul minn vetturi ferm iżgħar. Kompla billi rrefera għall-minuta 4.2.7. tas-seduta preċedenti, fejn ġie mplikat li l-Kunsillieri tal-Partit Laburista ngannaw lir-residenti b’silta mill-minuti li ġiet ikkwotata barra mill-kuntest tagħha. Is-Sur C. Bartolo pprostesta li l-ebda kunsillier tal-Partit Laburista ma qassam xi kopja tal-minuti tal-11 ta’ Ottubru 2011, flimkien mal-posizzjoni addottata mill-kunsillieri tal-Partit Laburista. Għaldaqstant huwa talab lis-Sindku sabiex jagħmel apoloġija u jirtira din l-allegazzjoni.

11.15. Is-Sindku wieġeb li m’huwa ser jagħmel ebda appoloġija għaliex il-fatti juru xorta oħra. Stqarr ukoll li huwa favur l-ideja li r-rotot ewlenin jitilgħu u jinżlu b’mod temporanju, peress li fl-*e-mail* tat-13 ta’ Ġunju 2011, Arriva Malta Ltd intrabtet li tkompli tiddiskuti mal-Kunsill rotot oħra alternattivi.

## 12.1. Revizjoni tal-*ByeLaws* KLBL 37/2/2009 dwar Attivitajiet fil-Beraħ (B/5/Vol III)

12.2. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill illi kif ġie miftiehem aktar qabel, il-konsulent legali tal-Kunsill intalab jirrevedi it-test tal-*bye-laws* imsemmija, wara li ġie evalwat l-andament tagħhom sa minn meta ġew introdotti f’Ottubru 2009. Is-Sur C. Debono spjega li r-reviżjoni tinvolvi l-aspetti segwenti:

- Tifsira tal-kelma “*Caravan*”;
- Parkeġġ ta’ *Caravans* f’postijiet pubbliċi;
- Dritt ta’ €5 kuljum fuq kull permess fil-każ ta’ gruppi inqas minn ħmistax-il persuna; u
- *Rounding* tal-multa f’każ ta’ kontravvenzjonijiet li minn € 69.88 issir € 70.00.

12.3. Il-Kunsill ra l-emendi kollha li kienu jinvolvu tibdil fil-*Bye-Laws* prinċipali 2, 3.1, 4.4. u 5. Dawn ġew approvati kif imressqa mill-konsulent legali, iżda dwar l-emenda għall-*Bye-Law* 3.1. kien hemm qbil li din mhux ċara biżżejjed, fis-sens li għandu jiġi pprojbit it-tqegħid ta’ imwejjed u siġġijiet, *barbecues* u kkampjar ma’ ġenb *caravans*. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-*bye-law* 3.1. għandha tinqara kif ġej:

> “Izda wkoll xejn minn dawn il-*Bye-Laws* m'ghandu jitqies li qieghed jipprojbixxi l-parkegg ta' *motor caravans* fil-lokalita` sakemm ma jitpoġġewx imwejjed u siġġijiet bil-għan li ssir xi attivita` ma' genb tali vetturi.”.

12.4. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi t-test tal-*bye-law* 3.1. lill-konsulent legali qabel jippubblika l-emendi kollha.

### 13.1. Asfaltar ta' Toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)( T/6/1/Vol III)(A/5/5/Vol III)(Z/1/Vol III)

13.2. Is-Sindku għarraf li s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor Dr C. Said nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju 2011, ser iżur Triq l-Armier fejn qed isir xogħol ta' road *resurfacing* taħt l-iskema msemmija,.

13.3. L-Onor. Said ser iżur ukoll l-Għadira, fejn ser jiltaqgħa mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Fl-istess okkażjoni, is-Sindku qal li ser jieħu l-opportunita` biex iħabbar l-attivitajiet li ser jorganizza Kunsill matul ix-xhur tas-sajf, fosthom: Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ, Manikata Fest; *Seaside Slam*, Avventura Sajf 2011, l-Iljieli Melleħin u oħrajn.

13.4. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li fl-istess jum huwa ser imur fil-Wied Ta' Żejtuna, fejn l-Għaqda Residenti ta' Santa Marija Estate ser ikunu qed jagħmlu xogħol ta' tindif fl-istess wied u jħawwlu s-siġar, fejn il-kunsillieri kollha huma mistiedna jattendu.

13.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 14.1. Tħejjijiet għall-AvventuraSajf 2011 (E/3/4/Vol VIII

14.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li għaddejjin it-tħejjijiet għall-edizzjoni ta' AvventuraSajf 2011. Kompla billi ppropona li din tkun bejn il-11 ta' Lulju u t-2 ta' Settembru 2011 mid-9.30am sa nofsinhar. Il-kordinatriċi ta' din is-sena ser tkun Ms Darlene Borg, li magħha ser ikun hemm assistita minn seba' studenti universitarji, li tnejn minnhom ser ikunu adulti.

14.3. Is-Sur Fenech għarraf ukoll illi bil-meżata mħallsa, t-tfal li jattendu AvventuraSajf ser jingħataw l-opportunita` li jattendu korsi tal-kompjuter e-Tfaf.

14.4. Is-Segretarju għarraf li sar kalkolu tal-ispejjeż, fejn irriżulta li bil-meżata ta' €70 għal persuna waħda, u €55 għat-tieni persuna mill-istess familja, ser ikun hemm żbilanċ ta' €1,931.

14.5. Il-Kunsill qabel li jissidja din l-edizzjoni u ma jżidx il-ħlas li kien intalab fis-sena preċedenti.

### 15.1. Kaċċa ġewwa l-Park tal-Majjistral (A/4/10)

15.2. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li fil-laqgħa tal-Bord tal-Park Majjistral illi saret fl-14 ta' Ġunju 2010 tressqet mozzjoni li kienet tittratta dwar jekk għandux jinħareġ permess speċjali biex wieħed jikkaċċja fl-istess park. Ittieħed vot fuq din il-mozzjoni u r-riżoluzzjoni għaddiet illi l-kaċċa tkun permessa mingħajr il-ħtieġa ta' permess, meta l-istaġun tagħha jkun miftuħ, sad-9.00 ta' filgħodu.

15.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar jekk din ir-riżoluzzjoni tkoprix l-istaġun tal-kaċċa tal-fenek, bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Awwissu. Is-Sindku wieġeb li r-riżoluzzjoni kienet tirreferi għall-kaċċa in ġenerali u ma kinitx tagħmel distinzjoni bejn it-tjur u l-fniek.

15.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll dawk li dawk illi rreġistraw l-interess li jibqalgħhom aċċess għall-*area* tal-park, ser jintbagħtilhom kwestjonarju sabiex jgħidu r-raġunijiet għaliex talbu li jidħlu fiż-żona tal-park.

### 16.1. Assenjar ta' ħaddiema mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u t-Taħriġ (E/3/6)

16.2. Is-Sindku għarraf illi ġew assenjati żewġ ħaddiema mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u t-Taħriġ taħt il-*Community Work Scheme*. Dawn huma is-Sinjuri Silvio Sciberras (I.D 625263M) u Henry Muscat (498767M) li ġew assenjati għal perjodu ta' sit xhur b'effett mit-13 ta' Ġunju 2011. B'hekk in-numru ta' ħaddiema li qed jaħdmu b'dan il-mod żdiet għal tlieta, flimkien ma' żewġ ħaddiema oħra tal-Industrial Projects and Services Ltd (IPSL), li lkoll qed jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-ġonna pubbliċi eċċ. Dawn il-ħaddiema ingħataw uniformi bil-*logos* tal-Kunsill.

16.3. Il-Kunsill innota u approva l-iżviluppi li kien hemm.

### 17.1. Korsijiet dwar Liċenzji Nawtiċi (E/3/1/Vol III)

17.2. Il-Kunsillier C. Bartolo għarraf illi għall-korsijiet imsemmija resqu 30 persuna għall-eżami, li tnejn minnhom biss m'għaddewx mill-eżami.

17.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li hemm numru ta' persuni oħra li wrew interess sabiex jerġa jiġi kordinat kors ieħor simili fil-Mellieħa.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2011, fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |